MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 681/2004

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Hamoud Abdul Salam**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm730.70c (seba' mija u tletin lira Maltin u sebghin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut skond Client Contract Number 453268 in rigward ta' servizz moghti bejn Marzu 2003 u Lulju 2003.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut originarjament ikkontesta l-kawza izda fis-seduta tal-lum ipprezenta Nota ta' Ammissjoni.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lill-PL Peter Sammut li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm730.70c (seba' mija u tletin lira Maltin u sebghin centezmu), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------